# TRIBUNAL GHAL SERVIZZI FINANZJARI

Pierre Lofaro LL.D. - Chairman
Mario Bonello ACIB- Membru
Frank Bonello FCIB - Membru

Illum, 2 ta' Lulju 2003

Id-decizjoni tat-tribunal wara l-appell intavolat minn Edmond Mugliette permezz ta' ittra datata 10 ta' Dicembru 2002.

Fit-12 ta' Dicembru 2002 it-tribunal ircieva s-segwenti ittra, datata 10 ta' Dicembru 2002, minghand Edmond Mugliette (l-appellant):

> "I respectfully hereby appeal from a decision of the Malta Financial Services Authority in respect of investigation of procedures at the Malta Stock Exchange.
>
> My ground of appeal are from the decision of the Malta Financial Services Authority dated 14th November, 2002 whereby it decided in favour of the Malta Stock Exchange procedure for the purchase of

bonds on the local stock market and that the law has been applied correctly in my regard.

I am claiming that my rights have been violated and that my funds have been misappropriated by the Malta Stock Exchange in violation of the provisions of the Income Tax Act.

That the Consumer Complaints Manager appointed under the Malta Financial Services Authority Act failed to distinguish between the bye laws of the Council of the Exchange and the provisions of the Malta Stock Exchange Act.

That the matters that I complained of to the Consumer Complaints Manager are in fact within the remit of the Authority.

I hereby appeal to the Financial Services Tribunal to determine that the decision of the Malta Financial Services Authority is wrong and to give those directions as are considered necessary and to order the payment of costs and expenses."

Ma din l-ittra l-appellant annetta dokument (kif ukoll kopji ta' diversi ittri) li fih elenka fatti li skond hu wasluh sabiex jintavola dan l-appell. Dan id-dokument jaqra hekk:-

"On 1st August, 2002 I purchased 100,000 8% Bank of Valletta plc Us$ Bonds 2010 for the market price of Us$101,149.75. This purchase was made through my broker Epic Stockbroking Ltd.

On settlement date I was requested to pay Us$117,245.46 which included and amount of Us$6,750.68 as interest. I objected to this interest being charged but my broker informed me that this interest element was added, charged and collected by the CSD of the Malta Stock Exchange. I was also told that I shall be refunded the amount by the Payor, Bank of Valletta plc on date of maturity of interest.

On 2nd October I received the interest warrant from Bank of Valletta plc for the amount of Us$6,800. This amount represented the gross interest due on the bonds less 15% withholding tax.

On 3rd October I had a meeting at the Malta Stock Exchange where I explained to them that taking into account their settlement note my earning was the gross interest less the amount charged to me on settlement of acquisition being Us$ 8,000 less Us$ 6,750.68 equal to Us$1,249.32 from which I opted to pay the 15% withholding tax as per the Income Tax Act amounting to Us$ 187. Therefore the amount I should have received was the original amount withheld plus the net amount after deduction of the withholding tax equal to Us$7, 813.

Due to the procedure of the Malta Stock Exchange my net earning for the period from acquisition to the date of maturity was Us$ 49.32. Effectively paying Us$ 1,200 withholding tax on Us$ 1,249.32 earned.

On 11th October The Malta Stock Exchange informed me that they were only acting as a register for Bank of Valletta plc and therefore had no involvement on the amount of interest paid to the registered holder. Bank of Valletta plc secretary Ms Monica Borg informed me that she paid according to the law to the registered holder and deducted the withholding tax as was my intention.

On 22nd October I had a meeting with Mr. Geoffrey Bezzina, Consumer Complaints Manager appointed under the Malta Financial Services Authority Act wherein I requested the authority to investigate the dealing of the Malta Stock Exchange with regard to interest on my holdings. During this meeting the Consumer Complaints Manager stated that in effect I have been made to pay the withholding tax of someone else's interest earnings. I was requested by the Consumer Complaints Manager to submit my complaint in writing for investigation.

On 23rd October I submitted my complaint in writing to the Consumer Complaints Manager.

On 14th November I was informed by the Consumer Complaints Manager of the Malta Financial Services Authority that, inter alia, the Authority has no reason to doubt the integrity of the procedure for the purchase of the bonds and that the law has been applied correctly in my regard. Furthermore the Authority stated that the complaint touches on a number of matters which are beyond their remit.

On the 18th November I objected to the decision of the Consumer Complaints Manager giving grounds for my objection."

Fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003 l-Malta Financial Services Authority (MFSA) inaghtat l-fakolta li twiegeb bil-miktub ghal dan l-appell. Fil-fatt irrispondiet hekk:

> "Preliminarjament l-MFSA tissottometti illi l-appell huwa null u ghaldaqstant ghandu jigi michud stante illi:-
>
> 1. Dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jew kompetenza sabiex jisma il-kas imressaq mill-appellant.
>
> 2. L-appellant stess personalment m'ghandux *locus standi* validu quddiem dan it-Tribunal;
>
> 3. Dan l-appell ma jinsabx konfortat b'ebda provediment tal-ligi, u infatti lanqas l-appellant ma pprova jikkwota xi provvediment sabiex jiggusitfika l-appell li qieghed jittenta.
>
> 4. Dan l-appell ma jaqa' f'ebda kategorija ta' decizzjonijet regolatorji li dwarhom hemm dritt ta' appell skond il-ligijiet dwar is-servizzi finanzjarji.
>
> 1. **<u>Dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni</u>**
>
> Il-ligi finanzjarja hija cara dwar il-funzjoni u l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ghal Servizzi Finanzjari. Mhuwiex il-funzjoni tieghu li jisma xi forma ta' appell minn xi konsumatur, imma hija primarjament dik li tisma' appelli ta' operaturi licenzjati kif indikat specifkament per ezempju l-Artikolu 19(2) ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti u l-Artikolu 42 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarju, u ghar-ragunijiet specifikati wkoll fil-ligi.
>
> L-Artikolu 19(3) ta' L-Att dwar Servizzi ta' Investiment infatti jghid li:
>
> "Appell taht dan l-artikolu jista' jsir biss ghar-ragunijiet li gejjin:
>
> (a) li l-awtorita' kompetenti tkun applikat hazin xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew
>
> (b) li d-decizjoni jew id-direttiva ta' l-awtorita' kompetenti tikkostitwixxi abbuz ta' diskrezzjoni u li tkun manifestament ingusta,

izda d-diskrezzjoni ta' l-awtorita' kompetenti ma tistax, la darba tkun giet ezercitat b'mod xieraq, tigi mistharrga mit-tribunal".

Illi l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, fl-Artikolu 21 sub-artikolu (9) jghid ukoll ir-ragunijiet fejn jista' jkun hemm appell:

"It-talba ghad-decizjoni tat-Tribunal ghandha tkun, ghar-ragunijet migjuba mill-appellant:-

(a) jekk l-awtorita' kompetenti tkunx, fid-decizjoni taghha, applikat hazin xi wahda mid-dispozizzjonijet ta' dan l-Att; jew

(b) jekk id-decijzoni ta' l-awtorita' kompetenti tikkostitwix abbuz ta' diskrezzjoni jew tkunx ingusta manifestament".

L-appell tas-Sur Mugliette ma jaqax taht xi wiehed minn dawn l-artikoli stipulati fil-ligi u nfatti l-appellant, fl-appell tieghu ta' l-10 ta' Dicembru, 2002, ma jaghmel ebda indikazzjoni minn liema ligi jew taht liema artikolu fil-ligi qed jezercita d-dritt t'appell tieghu.

2. **L-appellant m'ghandux *locus standi***

Illi l-appellant mhuwiex persuna li ghandha *locus standi* quddiem dan it-Tribunal peress illi s-Sur Mugliette mhux qieghed jappella minn xi decizjoni ta' l-Awtorita' li dwara ghandu dritt t'appell bhala detenturta' licenza. Huwa biss f'dan il-kuntest li l-ligi taghti lil individwu dritt ta' appell. Tant hu jekk illi l-ligi tispecifika kull aritkolu fil-ligi fejn hemm dan id-dritt t'appell u dawn l-artikoli kollha huma marbutin ma xi decizjoni li l-Awtorita' tkun hadet dwar xi detentur ta' licenza li hi tirregola. (Artikolu 19(2) ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti; Artikolu 42 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarju).

3. **Dan l-appell mhux ibbazat fuq punti ta' ligi decizi mill-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta li dwarhom hemm dritt t'appell skond il-ligi**

Illi l-appellant donnu jidher illi huwa jipprova jibbaza ruhu fuq dak li l-appellant qed isejjha bhala decizjoni ta' l-MFSA datata 14 ta'

Novembru, 2002. Imma din effettivament ma hi ebda decizzjoni, izda semplici ittra mibghuta mill-Consumer Compalints Manager li l-funzjoni tieghu tohrog mill-Artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Artiklolu 20(2) jghid li *"tkun il-funzjoni tal-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi li jinvestiga l-ilmenti minghand konsumaturi privati li jinqalghu minn jew b'konnessjoni ma xi operazzjoni ta' servizzi finanzjari".* Il-Consumer Compalints Manager ma ghandux l-poter li jiehu *decizjonijiet* ghalhekk laqnas jista' jkun hemm kontemplat xi dritt t'appell. Infatti ma jistax ikun hemm appell mill-Consumer Compalints Manager ghax fil-ligi dan l-ufficjal ma jistax jiehu decizjonijiet imma l-akter li jista jaghmel huwa li jaghmel *rikomandazzjonijiet* lis-Supervisory Council tal-MFSA. Il-ligi taghmilha cara hafna illi dan l-ufficjal ma ghandux poteri ezekuttivi u decizjonarji sabiex ma jidduplikax il-funzjonijiet u poteri tas-Supervisory Council. Xoghlu huwa primarjament li jinforma, jeduka u jiggwida lil konsumaturi minghajr ebda irbit. Infatti mhux marbut jghin konsumatur jew li jaghtih pariri. U r-rakkomandazzjonijiet tieghu la jorbut naha u lanqas l-ohra.

**<u>Time Factor</u>**

Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari dwar il-kompetenza, u minghajr pregudizzju ghalihom, jidher ukoll illi l-fatti u n-negozju fis-securities li qeghdin jaghtu lok ghal din id-disputa twettqu fi zmien meta l-MFSA ma kella ebda responsabbilita' regolatrici ghal Malta Stock Exchange. Din ir-responsabbilita' ghaddiet biss fl-1 ta' Ottubru 2002 bis-sahha tal-Avviz Legali 277 ta' l-2002, mentri n-negozji ta' xiri ta' securities kien sar xhur qabel.

**<u>Konkluzzjoni</u>**

Illi dak li dwaru qed jappella l-appellant ma jaqa' taht l-ebda wahda mid-dispozizzjonijiet tal-ligi ndikati aktar il-quddiem. L-appellant mhux qed jappella bhala detentur ta' licenzja u lanqas mhu qed jappella minn decizjoni tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kif jista' jsir fil-kazijiet u ghar-ragunijiet indikati mill-ligi.

Ghaldaqstant, l-MFSA hi tal-fehma illi t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-appell imressaq mis-Sur Mugliette ghax ma jsib ebda bazi legali valida.

Bla pregudizzju u b'rizerva ghall-aspetti sostantivi li forsi jistghu jkunu nvoluti f'din id-disputa, l-MFSA titlob li dan it-Tribunal jichad l-appell."

Fis-seduta tal-24 ta'April 2003 l-appellant ippresenta is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-MFSA u l-appell gie mholli ghat-22 ta' Mejju 2003 ghat-trattazzjoni finali dwar l-istess eccezzjoni preliminari. Fl-imsemmija sottomissjonijiet tieghu bil-miktub l-appellant qal hekk:

"1. Dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jew kompetenza sabiex jisma' l-kaz imressaq mill-appellant;

***Artikolu 19(2) ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investmenti***

L-Att dwar Servizzi ta' Investimenti huwa intiz sabiex jirregola s-servizzi fl-investimenti u ghalhekk l-imsemmi artikolu 19(2) huwa specifiku ghall dawk l-artikoli ta' l-istess ligi li jistghu jaqghu taht l-appell u dan kwantu jirrigwardaw il-licenzji u l-attivita tal-licenzjati. Dan mhuwiex il-kaz ta' dan l-appell u l-anqas hija l-ligi relevanti li ghaliha qieghed jiltaqa' dan it-Tribunal.

***Artikolu 42 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarju***

L-Att dwar is-Swieq Finanzjarju huwa intiz sabiex jirregola n-negozju f'dawn is-swieq u ghalhekk l-imsemmi artikolu 42 huwa specifku fl-artikoli ta' l-istess ligi li jirregolaw l-attivita' mahsuba taht dana l-Att u mhuwiex veru li l-funzjoni tat-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji huma li jisma' l-ilmenti ta' operaturi licenzjati kif inghad anzi l-istess artikoli jaghtu lok ghall-ilmenti kemm minn operaturi {artikolu 4(10)}, mnn min japplika sabiex ikun ikkowotat {l-artikolu 16(7)}, jew li jigi sospiz {l-artiklu 17(3), 18(6) u 20(6)} kif ukoll kull persuna li tkun konnessa ma' l-attivita fis-swieq finanzjarji {l-artikolu 33(5)}. Dan juri b'mod car illi huwa l-funzjoni tat-Tribunal li jisma' xi forma ta' appell minn kull persuna konnessa ma' l-attivita fis-swieq finanzjarji u mhux biss, jew primarjament, minn operaturi licenzjati.

**L-Appell – indikazzjoni minn liema ligi – gurisdizzjoni**

Dan it-Tribunal huwa kompost fil-ligi ta' l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

L-Appell sar b'mod car minn decizjoni ta' l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta lit-Tribunal kif kompost skond il-ligi ta' l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u ghar-ragunijiet mahsuba f'din l-istess ligi. Ghalhekk ir-riferenzi ghal-provvedimenti ta' ligijiet finanzjarji l-ohra huma inutli la darba hemm provvedimenti cari fil-ligi dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta li hija l-ligi relevanti f'dan l-appell.

Fl-Artikolu 21 tal-ligi ta' l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta'Malta u taht sub-artikolu (8) hemm car il-funzjonijiet ta' dan it-Tribunal li jinkludu decizjoni ta' awtorita' kompetenti taht il-ligi relevanti. L-artikolu 3(1) u 21(16) jistabilixxu l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u li hija awtorita kompetenti ghalhekk il-ligi relevanti hija l-ligi ta' l-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u m'hemm l-ebda dubju li dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni fuq id-decizjoni ta' l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skond l-artikoli 21(8) u subartikolu (9).

**L-Appell – indikazzjoni taht liema artikolu**

It-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji ghandu poteri investigattivi skond l-aritkolu 21(8)(b) u 21(10) u poteri li jirregola l-proceduri tieghu skond l-artikolu 21(13). Ghalhekk it-Tribunal, fl-investigazzjoni tieghu rigward appell fuq decizjoni tal-awtorita kompetenti, mhuwiex marbut mal-indikazzjoni tal-appellant tal-artikolu fil-ligi izda mal-ligi relevanti, f'dan il-kaz il-ligi ta' l-Awtorita' ghal Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

It-talba hija cara – appell lit-Tribunal sabiex jara jekk id-decizjoni ta' l-Awtorita' ghal Servizzi Finanzjarji ta' Malta hijiex konformi mal-Ligi relevanti u ghalhekk l-appellant iressaq ir-ragunijiet ghad-decizjoni tat-Tribunal u skond l-artikolu 21(9) ikun it-Tribunal li jiddeciedi, wara li jkun ezamina dokumenti jew xhieda kif jidhirlu li hemm bzonn, jekk l-awtorita' kompetenti tkunx, fid-decizjoni taghha, applikat hazin xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-ligi."

Fis-seduta tat-22 ta Mejju 2003 l-partijiet irrimettew ruhhom ghas-sottomissjonijiet skritti taghhom kif fuq riprodotti u l-appell thalla ghad-decizjoni ghall-lum.

In succint l-appellant qieghed jghid li hu ma nghatax s-somma gusta in linja ta' interessi fuq il-100,000 8% Bank of Valletta plc Us$ Bonds 2010 li hu kien xtara f'Awissu 2002 meta dawn l-interessi immaturaw f'Otttubru ta' l-stess sena. Meta l-ilment ta' l-appellant, kemm mall-Malta Stock Exchange kif ukoll mal Bank of Valletta, ma kellux ir-rizultat mixtieq minnu huwa rrefera l-kaz lill-Consumer Complaints Manager tal-MFSA.

Il-Consumer Complaints Manager ezamina l-kaz u permezz ta' ittra datata 14 ta' Novembru 2002 informa lill-appellant:-

> "From a regulatory point of view, we have no reason to doubt that the integrity of the procedure for the purchase and redemption of bonds on the local stock market on your behalf has been prejudiced. We believe that the law has been applied correctly in your regard.
>
> Your complaint touches on a number of matters which are beyond the remit of this office, indeed even the Malta Financial Services Authority. As such, therefore, the MFSA's powers in this respect are very limited.
>
> We would recommend that you seek the assistance of a tax practitioner who might be able to assist you in your complaint".

Meta irceva din l-ittra l-appellant intavola l-appell odjern mill-kontenut taghha.

Filwaqt illi l-MFSA qeghda ssostni li dan it-tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma dan l-appell, l-appellant qieghed jissottometti illi l-kaz jaqa fil-parametri stabbiliti fl-artikoli 21(8) u (9) tal-(Kap.330).

Dawn jipprovdu hekk:-

"

(8) fis-smigh ta' appell li jsir lilu taht xi ligi, it-Tribunal ikollu s-setgha-

(a) li jikkonferma, jaqleb jew ivarja d-decizjoni ta' l-awtorita' kompetenti taht il-ligi rilevanti u li jaghti direzzjonijiet li jkunu fis-seghta tieghu taht dan l-Att jew xi ligi ohra lill-imsemmija awtorita' kompetenti biex timplimenta d-decizjoni tat-Tribunal;

(b) li jehtieg il-produzzjoni ta' kull dokument jew informazzjoni ohra;

(c) li jordna l-hlas ta' l-ispejjez minn xi parti fl-appell.

(9) It-talba ghad-decizjoni tat-Tribunal ghandha tkun, ghar-ragunijiet migjuba mill-appellant-

(a) jekk l-awtorita' kompetenti tkunx, fid-decizjoni taghha, applikat hazin xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) jekk id-decizjoni ta' l-awtorita' kompetenti tikkostitwix abbuz ta' diskrezzjoni jew tkunx ingusta manifestament:

Izda d-diskrezzjoni ta' l-awtorita' kompetenti ma tistax, sakemm tkun giet ezercitata b'mod xieraq, tkun mistoqsija mit-Tribunal:

Izda wkoll, ma ghandu jkun hemm ebda appell minn decizjoni li tkun timponi piena li ma teccedix mitt lira".

Illi d-decizjoni ta' dan l-appell mit-tribunal necessarjament tirrikjedi illi tigi ezaminata l-kariga u l-funzjoni tal-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi li l-MFSA hi obbligata li tahtar a tenur ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap. 330. Dan l-artikolu jghid:

"20 (1) l-Awtorita ghandha tahtar *Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi.

(2) Tkun il-funzjoni tal-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi li jinvestiga l-ilmenti minghand konsumaturi privati li jinqalghu minn jew b'konnessjoni ma' xi operazjoni ta' servizzi finanzjarji, u li jibghat dawk il-kazijiet skond kif ikun mehtieg jew xieraq lill-Kunsill ta' Sorveljanza ghall-konsiderazzjoni tieghu; izda ebda haga f'dan is-subartikolu ma ghandha tiftiehem li taghti lil konsumatur dritt specifiku li jehtieg lill-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi li jaghtih parir fuq xi haga partikolari jew li jagixxi f'ismu f'xi kwistjoni ma' persuna licenzjata quddiem xi qorti jew tribunal hlief sal-limitu, jekk il-kaz, kif provdut ghalih b'dan l-Att jew xi ligi ohra.

(3) Il-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi jew kull ufficjal iehor ta' l-Awtorita' awtorizzat kif imiss jista' jikkomunika lill-konsumatur, li l-ilment tieghu setgha gie investigat mill-Awtorita, informazzjoni dwar kull haga li setgha sar jaf biha waqt l-investigazzjoni jew bhala rizultat taghha".

Illi wara li ezamina dan l-artikolu it-tribunal jifhem illi l-funzjoni principali tal-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi hu "li jinvestiga l-ilmenti minghand konsumaturi privati li jinqalghu minn jew b'konnessjoni ma xi operazjoni ta' servizzi finazjarji".

Il-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi m'ghandux il-poter li jimponi soluzzjoni jew decizjoni dwar il-kwistjoni li dwarha jilmenta l-konsumatur privat. Kull konkluzzjoni li ghaliha jista' jasal ma torbotx. Dan johrog car mill-ahhar parti ta' l-artikolu 20 (2) fuq kwotat. L-iktar haga effettiva li hu jista' jaghmel hu li, jekk ikun hekk jidhirlu, jirreferi l-kaz lill-Kunsill ta' Sorveljanza, li a tenur ta' l-artikolu. 10 (1) ta' l-istess Kap. 330 hu

> "responsabbli ghall-approvazzjoni u l-hrug ta' licenzi u awtorizzazzjonijiet ohra, ghall-ipprocessar ta' applikazzjonijiet ghal dawk il-licenzi u awtorizzazzjonijiet, u biex isegwi u jissorvelja persuni u entitajiet ohra licenzjati jew awtorizzati mill-Awtorita' fis-settur ta' servizzi finanzjari."

Fi ftit kliem il-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi mhuwiex tribunal li jiddeciedi kwistjonijiet b'konnessjoni ma' xi operazzjoni ta' servizzi finanzjarji li jistghu jkollhom konsumaturi privati. Il-funzjoni ewlenija tieghu hu li jghin lill-konsumaturi privati u fejn jidhirlu li jkun hemm irregolarita jirreferi l-kaz lill-Kunsill ta' Sorveljanza ghall-kunsiderazzjoni ta' dan il-Kunsill. F'dan l-istadju jistghu jinbtu passi dixxiplinari kontra detenturi ta' licenzi u awtorizzazzjoniet ohra li eventwalment jwasslu ghal-appelli quddiem dan it-Tribunal. Pero dawn ikunu kwistonijiet bejn l-MFSA u d-detentur partikolari tal-licenzi jew awtorizzazzjonijiet ohra.

Il-kwistjoni mnfisha bejn il-konsumatur privat u minn allegatament aggravah, jekk tibqa ma tigix risolta bonarjament, trid tigi

determinata, kif jindika  l-ahhar parti tal-artikolu 20 (2), bi procedura differenti minn appell quddiem dan it-tribunal taht l-artikolu 21 (9) tal-Kap 330.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet t-tribunal ma jarax kif il-kontenut ta' l-ittra tal-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi datata 14 ta' Novembru 2002 lill-appellant tista titqies bhala decizjoni ta' l-awtorita, kif kwalifkata fl-artikolu 21(9) fuq citat, li minnha jista jsir appell li dan it-tribunal u cioe' il-kontenut ta' l-istess ittra ma jammontax la:

(a) ghal decizjoni ta' l-awtorita kompetenti fejn hi applikat hazin xi disposizzjoni tal-Kap 330; u l-anqas

(b) ghal decizjoni ta' l-awtorita kompetenti li tikkostitwixxi abbuz ta' diskrezzjoni jew li hi ingusta manifestament.

Ghal dawn il-mottivi t-tribunal jilqa l-eccezzjoni ta' l-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjari ta' Malta rigwardanti l-karenza tal-gurisdizzjoni u l-kompetenza tieghu u per konsegwenza jirrespingi l-appell.